**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Gunju 2019**

**Avviz Numru: 350/09 MLF**

**Norman Darmanin ezercenti fil-kummerc taht l-isem DI Trading**

**vs**

**David Joseph D'Amato**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' Norman Darmanin ezercenti fil-kummerc taht l-isem DI Trading fejn talab li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tmint elef mija tnejn u hamsin Euro (€8,152) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' magna maghrufa bhala "*Collision Repair System*", liema magna giet ordnata mill-intimat u kkonsenjata lilu u xorta baqa' inadempjenti minkejja li kien interpellat sabiex ihallas, bl-ispejjes kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju jigi eccepit illi l-attur ghandu jipprova l-pretensjonijiet tieghu, inkluz, izda mhux limitatament, l-allegat ordni u eventwali bejgh u kif ukoll l-ammont minnu pretiz.

3. Illi ukoll minghajr pregudizzju jigi eccepit illi l-pretensjonijiet vantati mir-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lir-rikorrent. Dan jinghad stante li kull apparat/makkinarju li seta' gie kkonsenjat mill-attur mhuwiex dak ordnat mill-intimat u wisq anqas jissodisfa r-rekwiziti tal-ordni maghmula mill-intimat. Inoltre, il-makkinarju konsenjat huwa afflitt minn diversi difetti serji li jaghmlu dana l-apparat perikoluz ghall-uzu intiz. Dana l-fatt gie ammess mir-rikorrent tant li ghalkemm ghamel diversi tentattivi sabiex il-makkinarju jigi riparat, dana d-difett baqa' jippersisti. Sar anke tentattiv mir-rikorrent sabiex dana l-makkinarju jigi mibjugh minnu lil terzi izda minhabba difett riskontrat dan il-bejgh ma sarx.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Mill-provi jirrizulta illi qabel in-negozju mertu ta' din il-kawza, il-konvenut kien xtara diversi makkinarji ohra minghand l-attur. Jidher li l-konvenut kien kuntent b'dan il-makkinarju tant illi meta sussegwentement xtaq il-makkinarju *de quo*, ossija dak tat-tip *Collision Repair System* rega' ghamel kuntatt mal-attur sabiex jerga' jixtri minghandu.

2. L-attur ma kienx jimporta dan it-tip ta' makkinarju u ghalhekk fuq rikjesta tal-konvenut ghamel ricerka ghal *supplier* esteru li kien jissuplixxi dan it-tip ta' prodott. L-ewwel stima mahruga mill-attur ma kinitx accettata mill-konvenut fuq bazi ta' prezz. Sussegwentement, l-attur kien sab *supplier* iehor bl-isem ta' Kinmerry

International Trading Co. Ltd. u pprovda lill-konvenut b'diversi dokumenti dwar tipi differenti ta' makkinarju. Il-konvenut kien ghazel il-mudell *auto body repair equipment* b'kodici HC4800.[1]

3. Il-prezz maqbul bejn il-partijiet kien dak ta' disat elef, tlett mija u sbatax-il Euro (€9,317)[2] u fil-11 ta' Marzu, 2008 il-konvenut hallas depozitu akkont fis-somma ta' elf mija u hamsa u sittin Euro (€1,165). Il-makkinarju gie kkonsenjat u installat lill-konvenut fit-22 ta' Mejju 2008.[3]

4. Irrizulta li ftit gimghat qabel ma saret l-ordni dwar il-*Collision Repair System*, il-konvenut kien xtara minghand l-attur makkinarju iehor tat-tip *Spray Booth* versu l-prezz ta' hdax-il elf u hames mitt Euro (€11,500). Il-konvenut kien baqa' jaghmel hlasijiet mensili fuq dan il-makkinarju, bl-ahhar pagament kien dak tat-2 ta' Dicembru 2008. Ghalhekk l-ammont pretiz permezz ta' din il-kawza huwa l-bilanc li jifdal fir-rigward tal-*Collision Repair System*.[4]

5. L-attur xehed li madwar tlett xhur wara l-konsenja, il-makkinarju kien zviluppa hsara f'wahda mill-*hydraulic pumps*, li skond l-attur kienet ikkawzata mill-konvenut stess peress li beda' juza l-makkinarju b'mod hazin. Madanakollu l-attur xorta wahda ghazel li jaghmel it-tiswijiet necessarji a spejjez tieghu. Sussegwentement kien hemm diversi lmenti ohra da parti tal-konvenut, fosthom li parti mill-makkinarju ossija l-*wedge* ma kienx sufficjenti ghall-iskop intiz. Ghal dan l-attur kien irrimedja billi a spejjez tieghu ordna li tinhadem *wedge* lokalment u kkonsenjaha lill-konvenut.

6. Il-konvenut ma xehedx f'din il-kawza, izda pproduca bhala espert *ex parte* lill-Inginier Alexander Galea li wara li spezzjona l-makkinarju fl-24 ta' Mejju, 2010, hejja r-rapport relattiv.[5] F'dan ir-rapport l-Inginier Galea ikkonkluda li ma kienx possibbli ghalih li jiddetermina jekk il-makkinarju kienx gdid jew uzat, li ma kellux il-marka CE, li l-prestazzjoni tal-makkinarju ma kinitx bhal dik ta' ohrajn simili u kif mehtieg mill-konvenut, u li dan il-makkinarju ma kienx sikur ghall-uzu stante li ma kellix *clamping devices* kif jixraq.

---

[1] Ara Dok. 4 u b'mod partikoalri fol. 28 tal-process
[2] Ara Dok. 5 a fol. 30 tal-process
[3] Ara x-xhieda tal-attur a fol. 12 tal-process
[4] Ara Dok. 12 a fol. 40 tal-process
[5] Ara r-rapport tal-Inginier Alexander Galea a fol. 578 tal-process

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili*

Fir-risposta tieghu il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili, izda ma specifikax taht liema subinciz ta' dan l-Artkolu kien qieghed jibbaza l-preskrizzjoni minnu eccepita. Il-Qorti fliet sewwa l-atti ta' din il-kawza u minn imkien ma jirrizulta illi f'xi stadju ulterjuri ta' dawn il-proceduri il-konvenut specifika xi subinciz partikolari ta' dan l-Artikolu.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

"*Il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata.*"

Dwar dan l-artikolu, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** tat-22 ta' Gunju, 2005 il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk:

"*Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka d' ufficio il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi d' ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta;*

*…*

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f'dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f'ben hames incizi distinti jisprospetta l-*

[6] *Per* Imhallef Sciberras

*preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra." – Joseph Grech vs Emanuele Camilleri et, Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977"*

Fi zmien meta gew intavolati l-proceduri odjerni, l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili kien jipprospetta l-preskrizzjoni b'eghluq ta' tmintax (18)-il xahar f'hames sub-incizi distinti li kull wahda tipprospetta azzjoni ghal kollox differenti wahda mill-ohra. La darba l-konvenut baqa' ma indikax taht liema subinciz tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili huwa kien qieghed jibbaza din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti ma tistax tirricerka hi stess is-subinciz li seta' kien applikabbli ghall-fattispeci ta' dan il-kaz. Hija l-parti li tissolleva din it-tip ta' eccezzjoni li ghandha l-oneru li taghzel liema hija dik l-ipotesi kontemplata mil-Ligi li skond hi tkun applikabbli. In-nuqqas tal-konvenut li jaghmel dan jirrendi tali eccezzjoni bhala inammissibbli. Konsegwentement, din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

*<u>Il-Mertu</u>*

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi illi l-attur ghandu jipprova l-pretensjonijiet tieghu, inkluz l-allegat ordni, il-bejgh, u l-ammont minnu pretiz. Il-Qorti wara li qieset ix-xhieda u rat l-atti, ma ghandha l-ebda dubju li l-attur irnexxielu jipprova li l-ordni ghax-xiri ta' dan il-prodott kienet saret da parti tal-konvenut. Infatti dan il-kaz jitratta kuntratt ta' xiri u bejgh ta' prodott u cioe' *Collision Repair System*, bit-termini u l-kundizzjonijiet maqbula u mifthema bejn il-partijiet, kif jirrizultaw minn Dok. 5[7] iffirmat mill-istess partijiet. Bl-istess mod, lanqas hemm dubju li dan il-makkinarju gie supplit u kkonsenjat lill-konvenut, tant li l-Inginier inkarigat mill-konvenut spezzjona l-makkinarju fil-fond tal-istess konvenut.

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi illi l-prodott li seta' gie kkonsenjat mill-attur mhuwiex dak ordnat u li dan il-prodott ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-ordni maghmula minnu. Ma hemm ebda prova illi l-konvenut ordna prodott differenti minn dak supplit lilu, jew inkella bi prezz ghola minn dak pattwit. Anzi dak li jirrizulta huwa li meta ghamel l-ordni in kwistjoni, il-konvenut kien konsapevoli kemm tal-mudell li huwa kien qieghed jakkwista kif ukoll tal-prezz. Dan qieghed jinghad ghaliex fuq id-dokument Dok. 5

[7] Ara fol. 30 tal-process

suriferit hemm indikat b'mod car illi l-mudell li kien qieghed jigi akkwistat mill-konvenut huwa dak bil-kodici HC-4800 versu l-prezz ta' disat elef, tlett mija u sbatax-il Euro (€9,317).

Inoltre, il-Qorti tqis illi l-attur xehed illi qabel ma huwa ghamel l-ordni in kwistjoni, kien wera diversi dokumentazzjoni lill-konvenut u kien il-konvenut li "*specifikatament ordna tip wiehed ta' makkinarju a bazi tal-brochures u letteratura li urejtu, u ddecieda hu stess dwar liema makkinarju kellu jigi importat minni*".[8] Din ix-xhieda tal-attur baqghet qatt ma giet kontradetta, ghaliex il-konvenut ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Fic-cirkostanzi il-Qorti tqis li din ix-xhieda tal-attur hija wahda kredibbli u affidabbli, u ghalhekk ghandha mis-sewwa.

Bhala parti mit-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi illi l-makkinarju konsenjat ghandu diversi difetti serji li jaghmluh perikoluz ghall-uzu intiz. Mill-aspett legali, il-Qorti tqis illi l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jitratta dwar dawk il-kazijiet fejn il-kwalita' essenzjali tal-haga pattwita tkun differenti minn dik ikkonsenjata. Dan l-artikolu jghid testwalment hekk: "*Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghmel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircevi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti".* Fil-gurisprudenza Taljana dan il-kuncett huwa maghruf bhala *aliud pro alio*, espressjoni li litteralment tfisser "xi haga ghal xi hag'ohra".

Imbaghad l-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili jaghti rimedju lix-xerrej illi wara l-konsenja tal-haga mibjugha jinduna illi dik il-haga kellha difetti li ma jidhrux u li jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.[9] Ir-rimedju f'dan il-kaz huwa illi "*ix-xerrej jista' jaghzel, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-qorti.*"

Dawn l-Artikoli appena kkwotati gew trattati f'diversi okkazjonijiet mill-Qrati taghna, fejn gie kostantement ritenut illi filwaqt illi fil-kaz ta' l-Artikolu 1390 ir-rimedju tax-xerrej huwa jew li jirrifjuta li l-haga u jitlob id-danni jew li jilqa' l-haga bi prezz imnaqqas, fil-kaz ta' l-

[8] Ara x-xhieda tal-attur a fol 12 tal-process
[9] Ara l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili

Artikolu 1427 ir-rimedju huwa dritt ta' azzjoni ossija billi x-xerrej igib il-quddiem l-*actio redhibitoria* jew *l-actio aestimatoria*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Marcel Pace Asciaq noe vs Joseph Camilleri et**, deciza fit-28 ta' Jannar 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[10] irriteniet hekk: "*Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz tal-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita mweghda, jakkorda lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh, li jaghzel <u>jew</u> li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni <u>jew</u> li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni tal-oggett, jigifieri <u>jew</u> li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja <u>jew</u> li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja. Huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprovdi lix-xerrej".*

Ghal dak li jirrigwarda r-rimedju moghti lix-xerrej taht l-Artikolu 1427, fis-sentenza fl-ismijiet **Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina**, deciza fit-30 ta' Lulju 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] irriteniet illi: "*Hu car li f'dan il-kaz din id-difiza miftuha lix-xerrej ma setghetx tigi avanzata permezz ta' eccezzjoni imma kellha necessarjament tigi ntrodotta permezz ta' azzjoni. Gie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati u dan jirrizulta wkoll mit-test tal-ligi, illi d-dritt naxxenti minn vizzju redibitorju ma jistax jigi dedott b'eccezzjoni imma ghandu jigi ezercitat fi zmien utili b'azzjoni. "Il diritto nascente dal vizio che intitola l'azione redibitoria non puo essere ridotto in linea di eccezzione ma deve essere ezercitato in tempo utile per via l'azzione*." (Vol XX.i.281) (Vol XXIX.ii.1170)." Il-Qorti kompliet tghid ukoll illi "*Jekk ix-xerrej jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skont kif trid il-ligi, ghal fatt li dak l-oggett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalita' patwita hu qieghed jippregudika rrimedjabilment l-pozizzjoni tieghu.*"

Imbaghad, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Pitre vs Anthony Muscat**, deciza fit-2 ta' Gunju 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[12] irriteniet illi: "*Aktar minn dan, gie diversi drabi stabbilit mill-qrati taghna li kompratur li jixtri oggett li wara jeskopri li kien bil-hsara jew difettuz,*

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[11] *Per* Imhallef Geoffrey Valenzia
[12] *Per* Imhallef Tonio Mallia, konfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza tal-25 ta' April, 2008

*ma jistax, fil-waqt li jibqa' jzomm il-haga, jirrifjuta li jhallas il-prezz meta jigi mitlub jaghmel dan. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita` miftiehma jew bi hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih, inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob tnaqqis fil-prezz, pero`, irid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu, u ma jistax jibqa' jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalita` inferjuri jew hsara biss wara li jigi azjonat ghal hlas*."

Kif diga inghad, ma hemm l-ebda prova illi l-konvenut ordna prodott differenti minn dak supplit lilu. Fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata, il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu illi mir-rapport u mix-xhieda tal-Inginier *ex parte* inkarigat mill-konvenut jirrizulta illi l-makkinarju in kwistjoni kellu diversi limitazzjonijiet u difetti li jirrenduh mhux addattat ghall-uzu li ried jaghmel minnu l-konvenut, minn naha l-ohra ma jirrizultax illi l-konvenut agixxa u uzufruwixxa mir-rimedji disponibbli kontemplati fil-ligi. Ghal kuntrarju, dak li jirrizulta huwa illi l-konvenut zamm il-makkinarju li skont hu ma kienx tal-kwalita' pattwita u/jew kien difettuz ghal diversi snin, sakemm sussegwentment, fil-mori ta' dawn il-proceduri, bieghu lil terzi, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri tat-12 ta' Ottubru 2012.[13]

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi jekk il-konvenut ma kienx kuntent bil-kwalita' tal-makkinarju, allura dan kellu per forza jigi ritornat lill-attur jew altrimenti kellu jigi depozitat taht l-awtorita tal-Qorti. Bil-fatt tieghu stess, il-konvenut ippregudika rrimedjabbilment il-posizzjoni tieghu u tilef kull dritt li seta' kellu meta ghazel li jzomm il-makkinarju kkonsenjat lilu u naqas li jirreagixxi skond kif trid il-ligi. F'dan il-kaz il-konvenut mhux talli ma hax azzjoni, talli zamm il-makkinarju ghandu ghal diversi snin. Meta mitlub sabiex ihallas il-prezz permezz tal-proceduri odjerni, il-konvenut ma setghax sempliciment jirreagixxi billi jeccepixxi li l-makkinarju kkonsenjat kellu diversi difetti, ghaliex dak li kellu jaghmel huwa illi jagixxi permezz ta' azzjoni. Jirrizulta illi dan il-konvenut ma ghamlux u ghalhekk huwa car illi anke din il-parti tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha.

Il-konvenut ma kkontesta bl-ebda mod il-provi migjuba mill-attur li l-ammont pretiz minnu fl-avviz jirrapprezenta l-bilanc tal-prezz tal-makkinarju mixtri minnu.

[13] Ara *fol.* 141 *et seq.* tal-process

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tiddikjara inammissibbli l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni odjerna hija preskritta;
2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut, u
3. Konsegwentement, tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tmint elef mija tnejn u hamsin Euro (€8,152).

In vista ta' dak verbalizzat mill-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-5 ta' Mejju 2014, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**